# TAJBA GĦALIK, TAJBA GĦAN-NATURA - L-AGRIKOLTURA ORGANIKA

L-ikel li nieklu nixtiequ li jkun bnin, jintiehem tajjeb u jkun ta' ġid għalina. Għalhekk forsi nagħtu ħafna każ ta' kif nixtruh u nsajruh. Imma x'jiġri minnu qabel ma' dan jasal għandna ftit li xejn jista' jkollna kontroll fuqu. Huwa għalhekk li matul is-snin l-Unjoni Ewropea ħadet ħsieb li ddaħħal numru ta' miżuri li jħarsu lill-konsumatur tul il-proċess kollu - mill-bidu tal-proċess fir-razzett sakemm dan jasal fuq il-mejda tal-ikel.

Issa qed naraw inizjattiva ġdida. Matul dawn l-aħħar ġimgħat bdiet kampanja pubbliċitarja dwar l-agrikoltura organika. Din tagħmel użu minn metodi agrikoli li huma kemm jista' jkun naturali. Per eżempju, l-annimali jkollhom aktar spazju fejn jagħmlu eżerċizzju regolari sabiex ikunu iktar f'saħħithom, jew jintużaw legumi u ħxejjex oħra flimkien mad-demel sabiex il-fertilità tal-ħamrija tinżamm tajba għal żmien itwal. Din it-tip ta' agrikoltura tinkludi wkoll l-ipproċessar tal-għalf naturali għall-annimali. F'ħafna każijiet ukoll jiddaħħlu restrizzjonijiet dwar l-użu ta' pestiċidi li jagħmlu l-ħsara lill-ambjent.

Hemm regoli li jiċċaraw x'inhu aċċettat fil-qasam tal-agrikoltura organika. Fil-fatt, ir-Regolament tal-Kunsill 2092/91, bl-aħħar emendi fl-2007 (834/2007), jitkellem dwar dan u anki jindika li kull min jipproduċi, jipprepara, jimporta jew jirreklama prodotti li jgħidu li huma organiċi, huwa suġġett għal spezzjonijiet regolari li jaraw li l-liġi qed tiġi osservata.

Imma kif jista' l-konsumatur ikun jaf jekk dak li qiegħed jixtri huwiex maħdum bi prattiċi organiċi jew le? Biex prodott juża frażijiet bħal 'organiku', 'bio', 'eko' u oħrajn simili, irid ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-liġi. Jeżisti wkoll *logo* tal-Unjoni Ewropea għal dan il-għan. Meta dan issibu fuq il-prodott, huwa forma ta' assigurazzjoni li mill-inqas 95% tal-ingredjenti tiegħu ġew maħduma b'mod organiku u li jissodisfa r-regoli tal-iskema tal-ispezzjonijiet uffiċjali. S'issa minn jagħmel prodott organiku m'huwiex obbligat li jindika l-*logo* Ewropew, għalkemm huwa fl-interess tiegħu li jagħmel dan. Mill-2009 'il quddiem, huwa mistenni li dan isir obbligatorju, ħlief fil-każ ta' prodotti impurtati minn barra l-Unjoni.



Il-prattiċi organiċi huma xi ftit jew wisq reazzjoni għal proċessi agrikoli li indirettament jagħmlu ħsara lill-ambjent u possibilment anki lill-annimali. Aktar tagħrif dwar dan jista' jinkiseb mis-sit elettroniku http://ec.europa.eu/agriculture/organic/home_mt.

Il-kampanja tal-Kummissjoni Ewropea hija mfassla fuq il-kunċett li dak li hu tajjeb għan-natura hu tajjeb għalina wkoll. Veru li tinvolvi ftit iktar sforz u riżorsi, imma jekk hemm ir-rieda tajba, jista' jsir ħafna ġid.



***Minn Julian Micallef***
*MEUSAC*

Malta-EU Steering & Action Committee

*Indirizz: 280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT1112*
*Telefon: 2590 9101*
*e-mail: info.meusac@gov.mt*